# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-12 ta' Settembru 2022**

**Rikors Numru : 331/2022 JPG**

**Kawza Numru : 15**

**DP**

**U**

**MM**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt ta' DP u MM, datat 15 ta' Gunju 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet zzewgu fit-13 ta' Gunju 2018 gewwa Acicatena, Catania, fl-Italja u dan kif jirrizulta mill-estratt tar-Registru tal-Atti taz-Zwieg mahrug mill-Comune di Acicatena anness u immarkat Dok 'A'.*

*Illi l-partijiet infirdu legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Clinton Bellizzi ippubblikat fis-6 ta' Gunju 2022 (Kopja tal-kuntratt annessa u mmarkata Dokument 'B').*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.*

*Illi l-partijiet m'ghexux flimkien sa minn Marzu 2019, kif jirrizulta ukoll mid-dikjarazzjoni tal-partijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni imsemmi u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.*

*Illi jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghal-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

i. *Tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghal effetti kollha tal-ligi;*
ii. *Tohrog certifikat skont il-formola stabbilita fl-Anness I tar-Regolament (UE) Numru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 u dan ai termini tal-Artikolu 39 tal-istess Regolament.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota tal-partijiet datata 11 ta' Awwissu 2022 li permezz taghha il-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx aktar provi x'jipproducu jew trattazzjoni x'jaghmlu u stiednu l-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**MM** (vide affidavit fol 16) illi l-partijiet ilhom jghixu separati de facto sa minn Marzu 2019. Iddikjarat illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li t-tnejn li huma jghixu hajja totalment separata. Di piu' ikkonfermat illi ma hemm ebda manteniment dovut bejniethom.

**DP xehed** (vide affidavit fol 29) u kkonferma u kkollabora dak li xehdet l-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-13 ta' Gunju 2018, liema zwieg jgib certifikat numru 13/2018 (Vide Dok A certifikat taz-zwieg, fol 3 u d-dikjarazzjoni tal-avukat difensur tal-partijiet datata 12 ta' Settembru 2022, fol 21). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Clinton Bellizzi nhar is-6 ta' Gunju 2022 (vide Dok. B fol 8 et seqq.). Jirrizulta di piu illi l-partijiet ilhom separati de facto sa minn Marzu 2019. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 13/2018 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-**

**divorzju tal-partijiet sabiex isiru l-annotazzjonijiet necessarji fir-Registru Pubbliku. Di piu', il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba f'dawn l-proceduri.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**

**Deputat Registratur**